Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

Data tal-laqgħa: 23 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' wara nofs nhar.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 48.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija

48.1.1 Ma kien hemm edba ittri ta’ apoloġija.

## 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

48.2.1 Id-DSE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta’ Laqgħa Nru. 46. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

48.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal- Viċi Sindku, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 48.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

48.3.1 Statwa Santa Marija
Is- Sindku qal li din il-ġimgħa huwa tkellem mal- Perit mid-Direttorat għar-Restawr fejn infurmatu li qeda in kuntatt mas- Sovraintendenza għal Wirt Storiku biex tingħata il- clearance ħalli b’hekk l-applikazzjoni ma’ l-Awtorita’ għal Ippjanar tkun tista’ tiġi proċessata mingħajr xkiel.

48.3.2 Skema Tisbiħ u Manutenzjoni Playingfields
Din it-tema ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

48.3.3 Tneħħija ta’ Ġebla antika fi Triq Il-Kbira kantuniera ma Triq Santa Marija
Din is-sitwazzjoni ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

48.3.4 Is-Sindku qal li fir-rigward tas-sitwazzjoni prekarja ta’ ċertu toroq f’Ħal Balzan huwa kien bgħat jikteb lil Ministru konċernat fit-23 ta’ Mejju 2022 biex it-toroq msemmija jingħataw kunsiderazzjoni pero’ s’issa għadu ma rċieva ebda komunikazzjoni. Ser terġa tintbgħat reminder oħra qabel ma’ l-Kunsill jikkunsidra li jmur quddiem il-midja fuq din is-sitwazzjoni.

48.3.5 Fuq Malta Tourism Society, is- Sindku xtaq jirringrazzja lil Kunsillier Stephen Gatt

48.3.6 Is-Sindku infurma lill- Kunsill li kellu telefonata mill-Ministeru ta’ L-Enerġija biex bħala Kunsill nibgħatu ninfurmahom fejn ser jiġu mwaħħla ic-*charging pillars* u qed jiġu proposti Triq Il-Kannizzata (parti t’isfel ma Triq Il-Kbira) u Triq Il-Wied ( man-naħa tad-daħla minn wara tal-parking area ta’ Smart Supermarket)

## 48.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

48.4.1 Is-Sindku qal li bħala Kunsill wasalna li iniedu l-promozzjoni tal-korsijiet li ser isiru bi sħab ma TCTC Huwa bgħat għal tlett kwotazzjonijiet għal printjar tal-fliers fejn l-irħas waħda kienet ta’ € 85.

48.4.2 Is-Sindku kellu komunikazzjoni maż-żewġ segretarji tal-baned ġewwa Ħal Balzan fejn il-Kunsill qed jintalab li fix-xhur li l-kazini jibdew jarmaw għal festa f’Mejju, Ġunju u Lulju, quddiem l-imħazen li jinsabu fi Triq Antonio Micallef isiru bollards temporanji biex ikun jistgħu jgħabbu u jħottu bl-inġenji tagħhom. Raġuni li taw bħala kazini hi li f’dawk ix-xhur isir pparkjar quddiem l-imħazen. Il-Kunsill qabel ma’ din it-talba u ser japplika ma’ Transport Malta għal approvzzjoni

48.4.3 Is-Sindku infurma lil Kunsill li rċieva ittra mingħand resident fejn qed jissuġerixxi li għandhom jinbidlu l-ismijiet ta’ tlett toroq fejn Triq Għerusija tissemma għal Triq Il-Konti Bernardo Manduca, Triq Il-Karenza li siir Triq Il-Mins. Dun Gwann Dimech u Triq il-Pagun li għandha tissemma’ għal Triq Gabriel Caruana. Din it-tema ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

48.4.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-għada ta’din il-laqgħa ser ikun hemm laqgħa quddiem l-Awtorita ta’ L-Ippjanar rigward il- Park Lane. Huwa talab lil Perit biex ikun prezenti waqt din il-laqgħa.

48.4.5 Is-Sindku infurma lil Kunsill li rċieva telefonta mingħand avukat fejn infurmatu li hemm numru ta' residenti li qed jippreparaw petizzjoni fejn ser joġġezzjonaw għal applikazzjoni ta' permess ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fi Vjal De Paul biex binja ezistenti tinbidel fi uffiċini u din l-avukat staqsietu fuq x'posizzjoni ser jieħu l-Kunsill fuq din l-applikazzjoni. Huwa ser ikellem lil Perit tal-Kunsill għal parir tekniku u jekk hemm bazi għal oġġezzjoni din l-oġġezzjoni tiġi sottomessa ma' l-awtorita'.

48.4.6 Is-Sindku nfurma lil Kunsill li l-bollards fi Triq Idmejda kantuniera ma ' Triq San Valentin twaħħlu mill-ħaddiema tal- Kunsill.

## 48.5 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

48.5.1 Il-Kunsillier S. Gatt ressaq diversi ilmenti ta' residenti fejn dawn qed jilmentaw li stabiliment partikulari ta' kuljum qed jimblokka l-aċċess għal min irid jgħaddi minn propjeta pubblika u qed jissuġerixxi li niktbu lil awtoritajiet konċernati biex jiġi regolarizzat dan l- aċċess.

48.5.1.1 Id- DSE fakkar lil Kunsill li permess għal mwejjed u siġġijiet fuq bazi permanenti ma jinħarġux mill-Kunsilli imma hija l-Awtorita tat-Turizmu li tirregolarizza dawn il-permessi.

48.5.1.2 Għaldaqstant il-Kunsill ser jikteb lil l-istess awtorita' permezz ta' l-avukat tal-Kunsill biex jingħata kopja aġġornata ta' kull permess fejn hemm stabbilimenti kummerċjali li għandom mwejjed u siġġijiet fuq propjeta pubblika biex jkun f'posizzjoni li jinfurma lir- residenti f'kaz li xi resident jew individwu jkun qed jitlob aktar informazzjoni.

## 48.6 Ġieħ Ħal Balzan

48.6.1 Tressqu numru ta'proposti minn diversi nies lil Kunsill fuq persuni minn Ħal Balzan li jidhirlhom li għandhom jingħataw Ġieħ Ħal Balzan.

48.6.2 Is- Sindku qal li din il-lista ġiet ezawrita u ser jingħalqu n-nominazzjonijiet u din il-lista ser tiġi diskussa fil-ġimgħat li ġejjin u deċizjoni finali tittieħed mill-Kunsill.

48.6.3 Bħala spiza għal din l-attivita, is- Sindku spjega li skond il-Proċeduri Finanzjarji tal-Kunsill l-ammont ma jistax jaqbez l-ammont ta' € 3500 u għaldaqstant il-Viċi Sindku qed tagħmel kuntatt mar- Reġjun Tramuntana biex jingħataw fondi ulterjuri għal din l-attivita.

48.6.3.1 Sadanittant il-Kunsill ġie infurmat li r-Reġjun Tramuntana ser jorganizza ġewwa Ħal Balzan il-Festival Baned u Nar nhar il-Ġimgħa 14 ta'Ottubru 2022 u għalhekk hemm l-idea li l-attivita'ta Ġieħ Ha lBalzan issir dak nhar u jkun hemm zewġ attivitajiet f'waħda.

## 48.7 Bankina fi Triq Zekkuk u Triq Idmejda

48.7.1 Is-Sindku kif qal qabel din it-tema ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss għax għad irid ikellem lil Perit tal-Kunsill dwarha.

## 48.8 Pparkjar illegali fi Triq Bertu Fenech - Prekawzjonijiet meħtieġa

48.8.1 Il-Kunsill iddiskuta fuq x'mezzi jistgħu jittieħdu biex din il-problema tiġi solvuta kemm jista' jkun malajr fil-pjazza fosthom quddiem il-Każin tal-PN u quddiem Kola Store fejn qed nistennew xi aċċident fatali jekk ma jittieħdux il-miżuri neċessarji.

48.8.1.1 Is-Sindku fuq suġġeriment tal-Kunsillier A. Grech ppropona li quddiem dawn il-postijiet li ssemmew hawn fuq li jiġu mwaħħla bollards puliti li jirrispettaw l-ambjent tal-Pjazza u li dawn il-bollards għal żmien il-festa jkunu jistgħu jiżżarmaw biex ma noħolqux ebda ostaklu għal Festa. Il-Kunsill approva.

## 48.9 Festa tal-Lunzjata

48.9.1 Is-Sindku qal li bażikament fejn tidħol il-Festa l-għeluq tat-toroq qed ikun kkoordinat flimkien mal-Pulizija kif ukoll qed jinħarġu l-permessi neċessarji lil każini li hawn fil-lokalità biex jarmaw barra għal żmien il-festa. Huwa infurma ukoll lis-Sindku ta' Ħal Lija b'dak kollu li ser jiġri waqt il-festa bħala għeluq ta' toroq.

48.9.2 Is-Sindku ressaq proposta fejn waqt iż-żmien tal-festa b'kollaborazjoni mal-għaqda NGO Żibel biex jiġi armat kaxxa/bin ta' ċertu daqs fejn in-nies ikunu jistgħu jarmu l-flixken tal-plastic u mbat dawn jiġu riċiklati. L-Ispejjez ta' din il-bin ser jiġu koperti mill-Kunsill. Il-Kunsill approva.

## 48.10 Ittra lil Ministru l-Onor A. Farrugia

48.10.1 Is-Sindku kiteb lil Minsitru L-Onor. Farrugia kif ġie spjegat f'minuta 48.3.4 hawn fuq.

## 48.11 Ilmenti u items oħra ta' Xogħol ieħor

48.11.1 Is-Sindku qal li fir- rigward ta' l-ashtrays li ġew mwaħħla f'diversi toroq riċentement wasallu ilment mingħand il-Każin t'isfel biex ashtray li ġiet imwaħħla tiġi mressqa mal-ġenb kif ukoll talba mingħand persuna biex ashtray li ġiet mwaħħla quddiem il-Każin tal-Labour jieħu ħsieba il-barman tal-kazin imma din tiġi mwaħħla ġewwa l-Kazin. Il-Kunsill ddeċieda li l-ashtray ta' quddiem il-każin t'isfel tiġi mressqa filwaqt li t-talba ta' l-individwu ma tiġix aċċetata.

48.11.2 Tressaq xi ilment li d-*doggy bins* mhux qed jiġu mbattla b'mod regolari. Ser jiġi nfurmat il-contracts manager biex jagħmel il-verifiki neċessarji.

48.11.2.1 Fuq din il-materja is-Sindku qal li qed jgħejja jisma' residenti jilmentaw fuq l-istat tat-tindif f'ċertu toroq fil-lokalita' u għaldaqstant huwa kellem lil contracts manager biex jissorvelja dan is-servizz u jirrapurta lura bl-andament ta' dan is-servizz.

48.11.3 Tressqet talba għal taxi stand fejn San Anton. Il-Kunsill ddeċieda li din it-talba għandha tintbgħat lil Transport Malta u speċifikament jiġi mmarkat post fejn din it-taxi stand ssir f'waħda mill-parking bays li ġew allokati lil Corinthia Hotel mill-istess awtorita' mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill ta' Ħal Balzan.

48.12.4 Is-Sindku f'isem il- Kunsill xtaq jirringrazzja lid- DSE tax-xogħol siewi li ta' lill-Kunsill fl-assenza tas-Segretarju Ezekuttiv li kienet assenti sa minn Settembru 2021 fuq maternity leave. Huwa qal li ma kienx faċli li wieħed ilaħħaq ma' żewġ lokalitajiet.

## 48.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

48.12.1 Id-Deputat SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti nru. 06/22, li tinkludi l-ammont ta' € 110.74c bħala Petty Cash għax-xahar ta' Mejju 2022.

48.11.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill- Kunsillier S. Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 48.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

48.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:12pm

48.13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it- Tlieta, 26 ta' Lulju 2022 fl-4.00pm.

Il-minuti ġew ippreparati mid-Deputat SE Mark Mallia. Konfermati, illum it-Tlieta 26 ta' Lulju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |